

**ANNESS I**

**KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT FIL-QOSOR**

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Emdocam 20 mg/ml soluzzjoni għall-injezzjoni għal baqar, majjali u żwiemel.

## 2. KOMPOŻIZZJONI KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA

Millilitru fih:

### Sustanza attiva:

Meloxicam 20 mg

### Ingredjenti ieħor:

Ethanol 150 mg

Għal-lista sħiħa tal-ingredjenti (mhux attivi), ara s-sezzjoni 6.1.

## 3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Soluzzjoni għall-injezzjoni.

Soluzzjoni safra ċara.

## 4. TAGĦRIF KLINIKU

### 4.1 Speċi li fuqhom ser jintuża l-prodott

Baqar, majjali u żwiemel.

### 4.2 Indikazzjonijiet għal użu tal-prodott li jispeċifikaw l-ispeċi li fuqhom se jintuża l-prodott

#### Baqar

Għall-użu fi żmien ta' infezzjoni akuta fis-sistema tan-nifs, flimkien ma' terapija antibijotika adattata biex ittaffi s-sintomi kliniċi tal-marda fil-baqar.

Għall-użu fit-trattament ta' dijarea flimkien ma' terapija orali ta' idratazzjoni mill-ġdid, biex jitnaqqsu s-sintomi kliniċi f'għoġġiela li għandhom aktar minn ġimgħa jew baqar ta' età żgħira li mhumiex qed iredgħu.

Għal terapija addizzjonali fit-trattament ta' mastite akuta, flimkien ma' terapija antibijotika.

Għas-solliet tal-uġiġħ ta' wara l-operazzjoni wara t-tneħħija tal-qrun fl-għoġġiela.

#### Majjali

Għall-użu waqt mard mhux infettiv tal-mixi biex jitnaqqsu s-sintomi ta' meta l-annimal ikun qed izappap u daww tal-infjammazzjoni.

Għal terapija addizzjonali fit-trattament ta' settiċemija puwerperali u tosseimija (sindrome mastite-metrite-agalaktja) flimkien ma' terapija antibijotika adattata.

#### Żwiemel

Għall-użu sabiex tittaffa l-infjammazzjoni u għas-solliet tal-uġiġħ f'mard muskolu-skelettriku li jkun kemm akut kif ukoll kroniku.

Għas-solliet tal-uġiġħ marbut ma' kolika ekwina.

### 4.3 Kontraindikazzjonijiet

Ara wkoll sezzjoni 4.7.

Tużax fuq żwiemel li għandhom inqas minn 6 ġimgħat.

Tużax f'annimali li għandhom indeboliment fil-funzjoni tal-fwied, tal-qalb jew tal-kliewi, u mard emorraġiku, jew fejn ikun hemm evidenza ta' leżjonijiet gastrointestinali ulċeroġeniċi. Tużax f'każ ta' sensitività eċċessiva għall-ingredjenti attiv jew ingredjenti oħra. Għat-trattament tad-dijarea fil-baqar, tużax f'annimali li għandhom inqas minn ġimgħa.

#### **4.4 Twissijiet speċjali għal kull speċi li għaliha hu indikat il-prodott**

Trattament ta' għoġġiela b'Emdocam 20 minuta qabel it-tneħħija tal-qrun tnaqqas l-uġiġħ ta' wara l-operazzjoni. Emdocam waħdu mhux se jipprovdi solliev adegwat tal-uġiġħ waqt il-proċedura tat-tneħħija tal-qrun. Biex tikseb solliev adegwat tal-uġiġħ waqt l-operazzjoni, medikazzjoni fl-istess ħin b'analġesiku adattat hi meħtieġa.

#### **4.5 Prekawżjonijiet speċjali għall-użu**

##### **Prekawżjonijiet speċjali għall-użu fl-annimali**

Jekk ikun hemm reazzjonijiet mhux mixtieqa, it-trattament għandu jitwaqqaf u għandu jittieħed il-parir ta' veterinarju.

Evita l-użu f'annimali li huma deidratati, ipovolemiċi jew ipotensivi severament, li jkunu jeħtieġu idratazzjoni mill-ġdid permezz ta' injezzjoni, għax jista' jkun hemm riskju potenzjali ta' tossiċità tal-kliewi.

F'każ ta' solliev mhux adegwat tal-uġiġħ meta użat fit-trattament ta' kolika ekwina, għandha ssir evalwazzjoni mill-ġdid bir-reqqa tad-dijanjosji, għax din tista' tindika l-ħtieġa ta' intervent kirurġiku.

##### **Prekawżjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu mill-persuna li tamministra l-prodott mediċinali veterinarju lill-annimali**

Injezzjoni aċċidentali tiegħek innifsek tista' tikkaġuna wġiġħ. Nies li huma sensitivi għal Mediċini Mhux Sterojdi Kontra l-Infjammazzjoni (NSAIDs) għandhom jevitaw li jmissu mal-prodott mediċinali veterinarju.

F'każ li tinjetta b'mod aċċidentali lilek innifsek, fittex parir mediku mal-ewwel u qis li turi l-fuljett ta' informazzjoni jew it-tikketta lit-tabib.

#### **4.6 Effetti mhux mixtieqa (frekwenza u gravità)**

Kienet osservata nefħa ħafifa li tgħaddi malajr fis-sit tal-injezzjoni wara l-għoti taħt il-ġilda, f'inqas minn 10% tal-baqar li kienu ttrattati fi studji kliniċi.

Fiż-żwiemel, nefħa ħafifa li tgħaddi malajr fis-sit ta' l-injezzjoni tista' sseħħ, iżda tfieq mingħajr ma jkun hemm l-ebda intervent.

F'każijiet rari ħafna, reazzjonijiet anafilattojdi li jistgħu jkunu serji (inklużi fatali), jistgħu jseħħu u dawn għandhom jiġu kkurati b'mod sintomatiku.

Il-frekwenza ta' effetti mhux mixtieqa hija definita skont din il-konvenzjoni:

- komuni ħafna (aktar minn wieħed f' 10 annimali li juru effetti mhux mixtieqa matul il-perjodu ta' kura waħda)
- komuni (aktar minn wieħed iżda inqas minn 10 annimali f' 100 annimal)
- mhux komuni (aktar minn wieħed iżda inqas minn 10 annimali f' 1,000 annimal)
- rari (aktar minn wieħed iżda inqas minn 10 annimali f' 10,000 annimal)
- rari ħafna (inqas minn annimal wieħed f' 10,000 annimal, inklużi rapporti iżolati).

#### **4.7 Użu fit-tqala, fit-treddiġ u fi żmien il-bidien**

**Baqar u majjali:** Jista' jintuża waqt it-tqala u t-treddiġ.

**Żwiemel:** Tużax fuq dwieb tqal jew li qed irediġu.

#### 4.8 Interazzjoni ma' prodotti mediċinali oħra jew forom oħra ta' interazzjoni

M'għandux jingħata flimkien ma' glukokortikosteroidi, sustanzi oħrajn mhux steroidi u anti-infjammatorji jew ma' prodotti mediċinali antikoagulanti.

#### 4.9 Ammont li jingħata u l-metodu ta' amministrazzjoni

##### Baqar

Injezzjoni waħda taħt il-ġilda jew ġol-vina, b'doża ta' 0.5 mg ta' meloxicam / kg ta' piż tal-ġisem (i.e. 2.5 ml / 100 kg ta' piż tal-ġisem) flimkien ma' terapija antibijotika, jew ma' terapija orali ta' idratazzjoni mill-ġdid, skont kif ikun xieraq.

##### Majjali

Injezzjoni waħda fil-muskolu b'doża ta' 0.4 mg ta' meloxicam / kg ta' piż tal-ġisem (i.e. 2 ml/100 / kg ta' piż tal-ġisem) flimkien ma' terapija antibijotika, kif ikun xieraq. Jekk ikun meħtieġ, it-tieni doża ta' meloxicam tista' tingħata wara 24 siegħa.

##### Żwiemel

Injezzjoni waħda ġol-vina b'doża ta' 0.6 mg ta' meloxicam / kg ta' piż tal-ġisem (i.e. 3 ml/ 100 kg ta' piż tal-ġisem).

Għall-użu sabiex tittaffa l-infjammazzjoni u għas-sollev tal-uġiġħ f'mard muskolu-skelettriku li jkun kemm akut kif ukoll kroniku, għat-tkomplija tat-trattament, tista' tintuża kura orali xierqa li jkun fiha meloxicam, mogħtija skont ir-rakkomandazzjonijiet tat-tikketta.

Evita li tintroduċi xi kontaminazzjoni waqt l-użu.

Ittaqqabx il-kunjett għal aktar minn 50 darba.

#### 4.10 Doża eċċessiva (sintomi, proċeduri ta' emerġenza, antidoti), jekk ikun hemm bżonn

F'każ ta' doża eċċessiva, għandu jinbeda trattament sintomatiku.

#### 4.11 Perjodi ta' tiżmim

**Baqar:** Laħam u ġewwieni tal-annimali: 15-il jum; Ħalib: 5 ijiem

**Majjali:** Laħam u ġewwieni tal-annimali: 5 ijiem

**Żwiemel:** Laħam u ġewwieni tal-annimali: 5 ijiem.

Mhux awtorizzat li jintuża f'annimali li l-ħalib tagħhom qed jintuża għall-konsum min-nies.

### 5. KWALITAJIET FARMAKOLOĠIĊI

Grupp farmako-terapewtiku: Prodotti anti-infjammatorji u antirewmatiċi, mhux steroidi (oxicams)  
Kodiċi ATC veterinarja: QM01AC06

#### 5.1 Kwalitajiet farmakodinamiċi

Meloxicam hu Mediċina Mhux Steroidi Kontra l-Infjammazzjoni (NSAID) tal-klassi oxicam li tagħixxi bl-inibizzjoni tas-sintesi ta' prostaglandin, u b'hekk teżerċita effetti anti-infjammatorji, kontra t-tnixxija, analġeżiċi u antipiretiċi. Meloxicam inaqqas l-infiltrazzjoni tal-lewkoċiti fit-tessut infjammatur. Sa ċertu punt, Meloxicam jinibixxi l-aggregazzjoni tat-tromboċiti kkaġunata mill-kollaġen. Meloxicam għandu wkoll proprjetajiet anti-endotossiċi għax intwera li jinibixxi l-produzzjoni ta' thromboxane B<sub>2</sub> ikkaġunata mill-ġhoti ta' *E. coli* endotoxin fl-għoġġiela, baqar li jkun qad ireddegħu u majjali.

## 5.2 Tagħrif farmakokinetiku

### Assorbiment

Wara l-għoti ta' doża waħda taħt il-ġilda ta' 0.5 mg ta' meloxicam/kg, intlaħqu valuri  $C_{max}$  ta' 2.1 µg/ml u 2.7 µg/ml wara 7.7 sigħat u 4 sigħat f'baqar żgħar u f'baqar li jkunu qed iredgħu, rispettivament.

Wara l-għoti ta' żewġ dożi fil-muskoli ta' 0.4 mg ta' meloxicam/kg, intlaħaq valur  $C_{max}$  ta' 1.9 µg/ml fi żmien siegħa fil-majjali.

### Distribuzzjoni

Iktar minn 98% ta' meloxicam jeħel mal-proteini tal-plażma. L-ogħla konċentrazzjonijiet ta' Meloxicam jinsabu fil-fwied u fil-kliewi. Konċentrazzjonijiet iktar baxxi, meta mqabbla ma' dawg fil-fwied u fil-kliewi, jinsabu fil-muskoli skeletriċi u fix-xaħam.

### Metaboliżmu

Il-biċċa l-kbira ta' meloxicam jinsab fil-plażma. Fil-baqar, meloxicam jitneħħa l-iktar fil-ħalib u fil-bili, filwaqt li l-awrina fiha biss traċċi tal-kompost prinċipali. Fil-majjali, il-bili u l-awrina fihom biss traċċi tal-kompost prinċipali. Meloxicam huwa metabolizzat għal alkoħol, derivattiv tal-aċidu u għal diversi metaboliti polari. Intwera li l-metaboliti prinċipali kollha huma farmakoloġikament inattivi. Il-metaboliżmu fiż-żwiemel ma kienx investigat.

### Eliminazzjoni

Meloxicam jiġi eliminat b'*half-life* ta' 26 siegħa u 17.5 sigħat wara li jingħata b'injezzjoni taħt il-ġilda f'baqar żgħar u f'baqar li jkunu li qed iredgħu, rispettivament.

Fil-majjali, wara li jingħata b'injezzjoni ġol-muskoli, il-medja tal-*half-life* tal-eliminazzjoni tal-plażma hi ta' madwar 2.5 sigħat.

Fiż-żwiemel, wara li jingħata b'injezzjoni ġol-vina, meloxicam jiġi eliminat b'*half-life* terminali ta' 8.5 sigħat.

Madwar 50% tad-doża li tingħata titneħħa fl-awrina, u l-bqija fl-ippurgar.

## 6. TAGĦRIF FARMAĊEWTIKU

### 6.1 Lista ta' ingredjenti

- Ethanol (96%)
- Poloxamer 188
- Macrogol 300
- Glycine
- Sodium hydroxide
- Hydrochloric acid
- Meglumine
- Ilma għall-injezzjonijiet

### 6.2 Inkompatibilitajiet maġġuri

Fin-nuqqas ta' studji dwar kompatibilità, dan il-prodott mediċinali veterinarju ma jistax jintuża flimkien ma' prodotti mediċinali veterinarji oħra.

### 6.3 Żmien kemm idum tajjeb il-prodott mediċinali

Żmien kemm idum tajjeb l-prodott mediċinali veterinarju kif ippakkjat għall-bejgħ : 3 snin  
Żmien kemm idum tajjeb wara li jkun infetaħ l-ippakkjar li jmiss mal-prodott: 28 jum

#### **6.4 Tagħrif speċjali dwar kif għandu jinħażen**

Dan il-prodott mediċinali veterinarju m'għandu bżonn tal-ebda kundizzjoni speċjali sabiex jinħażen.

#### **6.5 In-natura u l-għamla tal-ippakkjar li jmiss mal-prodott**

Daqs tal-pakkett tal-kunjett tal-ħġieġ ta' Tip I bla kulur li fih 50 ml, 100 ml jew 250 ml. Kull kunjett hu magħluq b'tapp tal-lastku tal-bromobutyl u ssiġillat b'għatu tal-aluminju.

Mhux id-daqsijiet kollha tal-pakkett jistgħu qegħdin fis-suq.

#### **6.6 Prekawzjonijiet speċjali għar-rimi tal-prodotti mediċinali veterinarji mhux użati jew materjal ieħor għar-rimi li huwa derivat minn dawn il-prodotti**

Kwalunkwe prodott mediċinali veterinarju li ma ġiex użat jew materjal għar-rimi li huwa derivat minn dan il-prodott mediċinali veterinarju għandhom jintremew skont kif jitolbu r-regolamenti tal-pajjiż.

### **7. DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

Emdoka  
J. Lijsenstraat 16  
B-2321 Hoogstraten  
Il-Belġju

### **8. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI(JIET) GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

EU/2/11/128/001-003

### **9. DATA TAL-EWWEL AWTORIZZAZZJONI/TIĠDID TAL-AWTORIZZAZZJONI**

Data tal-ewwel awtorizzazzjoni: 18.08.2011

Data tal-aħħar tiġdid: 21.06.2016

### **10. DATA TA' REVIŻJONI TAT-TEST**

JJ.MM.SSSS

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott mediċinali veterinarju tinstab fuq il-websajt tal-Aġenzija Ewropea dwar il-Mediċini <http://www.ema.europa.eu/>.

### **PROJBIZZJONI TA' BEJGĦ, PROVVISTA, U/JEW UŻU**

Mhux applikabbli.

## **1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU**

Emdocam 15 mg/ml suspensjoni orali għaḡ-żwiemel.

## **2. KOMPOŻIZZJONI KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA**

Kull millilitru fih:

### **Sustanza attiva:**

Meloxicam 15 mg

### **Ingredjenti oħra:**

Sodium benzoate 1.5 mg

Għal-lista sħiħa tal-ingredjenti (mhux attivi), ara s-sezzjoni 6.1.

## **3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA**

Suspensjoni orali

Suspensjoni safra.

## **4. TAGĦRIF KLINIKU**

### **4.1 Speċi li fuqhom ser jintuża l-prodott**

Żwiemel

### **4.2 Indikazzjonijiet għall-użu tal-prodott li jispeċifikaw l-ispeċi li fuqhom se jintuża l-prodott**

Sabiex tittaffa l-infjammazzjoni u għas-solliev tal-uġiġħ f'mard muskolu-skeletriku li jkun kemm akut kif ukoll kroniku fiż-żwiemel.

### **4.3 Kontraindikazzjonijiet**

Tużax fuq dwieb tqał jew li qegħdin iredgħu.

Tużax fuq żwiemel li jbatu minn disturbi gastrointestinali bħal irritazzjoni u emorraġija, indeboliment fil-funzjoni tal-fwied, tal-qalb jew tal-kliewi, u mard emorraġiku.

Tużax f'każijiet ta' sensitività eċċessiva għall-ingredjent attiv jew jew ingredjenti oħra. Tużax fuq żwiemel li għandhom inqas minn 6 ġimgħat.

### **4.4 Twissijiet speċjali għal kull speċi li għaliha hu indikat il-prodott**

Xejn.

### **4.5 Prekawzjonijiet speċjali għall-użu**

#### Prekawzjonijiet speċjali għall-użu fl-animali

Evita l-użu fi kwalunkwe animal li huwa deidratat, ipovolemiku jew ipotensiv għax jista' jkun hemm riskju potenzjali ta' tossiċità tal-kliewi.

#### Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu mill-persuna li tamministra l-prodott mediċinali veterinarju lill-annimali

Nies li huma sensittivi għal Mediċini Mhux Sterojdi Kontra l-Infjammazzjoni (NSAIDs) għandhom jevitaw li jmissu mal-prodott mediċinali veterinarju.

F'każ ta' inġestjoni b'mod aċċidentali, fittex parir mediku mal-ewwel u qis li turi l-fuljett ta' informazzjoni jew it-tikketta lit-tabib.

Dan il-prodott jista' jikkawża irritazzjoni fl-għajnejn. F'każ ta' kuntatt mal-għajnejn, lahlahom sew bl-ilma minnufih.

#### **4.6 Effetti mhux mixtieqa (frekwenza u gravità)**

Ġew osservati każijiet iżolati ta' effetti mhux mixtieqa tipikament assoċjati mal-NSAIDs fil-provi kliniċi (urtikarja ħafifa, dijarea). Is-sintomi kienu reversibbli.

Ġew irrappurtati telf ta' aptit, letarġija, uġiġħ addominali u kolite f'każijiet rari ħafna.

Reazzjonijiet anafilattojdi li jistgħu jkunu serji (inklużi fatali), jistgħu jseħħu f'każijiet rari ħafna u dawn għandhom jiġu kkurati b'mod sintomatiku.

Jekk ikun hemm reazzjonijiet mhux mixtieqa, it-trattament għandu jitwaqqaf u għandu jittieħed il-parir ta' veterinarju.

Il-frekwenza ta' effetti mhux mixtieqa hija definita skont din il-konvenzjoni:

- komuni ħafna (aktar minn wieħed f'10 annimali li juru effett(i) mhux mixtieq(a) matul il-perjodu ta' kura waħda)
- komuni (aktar minn wieħed iżda inqas minn 10 annimali f'100 annimal)
- mhux komuni (aktar minn wieħed iżda inqas minn 10 annimali f'1,000 annimal)
- rari (aktar minn wieħed iżda inqas minn 10 annimali f'10,000 annimal)
- rari ħafna (inqas minn annimal wieħed f'10,000 annimal, inklużi rapporti iżolati).

#### **4.7 Użu fit-tqala, fit-treddiġh u fi żmien il-bidien**

Studji fil-laboratorju fil-baqar ma pprovdewx evidenza ta' ħsara fit-tqala, ħsara lill-fetu, ħsara lill-omm. Madankollu, ma ġiet iġġenerata l-ebda data fiż-żwiemel. Għalhekk l-użu f'din l-ispeċi mhux rakkomandat waqt it-tqala jew fit-treddiġh.

#### **4.8 Interazzjoni ma' prodotti mediċinali oħra jew forom oħra ta' interazzjoni**

M'għandux jingħata flimkien ma' glukokortikojdi, sustanzi oħrajn mhux steroidi u anti-infjammatorji jew ma' aġenti antikoagulanti.

#### **4.9 Ammont li jingħata u l-metodu ta' amministrazzjoni**

Għandu jingħata mħallat mal-ikel jew direttament fil-ħalq f'dożaġġ ta' 0.6 mg/kg ta' piż tal-ġisem, darba kuljum, għal sa 14-il jum. F'każ li l-prodott jitħallat mal-ikel, għandu jiżdied ma' kwantità żgħira ta' ikel, qabel l-għalf.

Is-suspensjoni għandha tingħata permezz tas-siringa tal-kejl ipprovduta fil-pakkett. Is-siringa toqgħod fuq il-flixkun u għandha skala tal-volum u skala tal-"piż tal-ġisem f'kg" li li tikkorrispondi għad-doża ta' manteniment (jiġifieri 0.6 mg/kg ta' piż tal-ġisem).

Ħawwad sew qabel l-użu.

Wara l-ġħoti tal-prodott mediċinali veterinarju, agħlaq il-flixkun billi terġa' tpoġġi l-għatu f'postu, aħsel is-siringa tal-kejl b'ilma sħun u ħalliha tinxf.

Evita li tintroduċi xi kontaminazzjoni waqt l-użu.

#### **4.10 Doża eċċessiva (sintomi, proċeduri ta' emerġenza, antidoti), jekk ikun hemm bżonn**

F'każ ta' doża eċċessiva għandu jinbeda trattament sintomatiku.

#### **4.11 Perjodu ta' tiżmim**

Laħam u ġewwieni tal-annimali: 3 ijiem.

Mhux awtorizzat li jintuża fi żwiemel li l-ħalib tagħhom qed jintuża għall-konsum min-nies.

### **5. KWALITAJIET FARMAKOLOĠIĊI**

Grupp farmako-terapewtiku: Prodotti anti-infjammatorji u antirewmatiċi, mhux sterojdiċi (oxicams).  
Kodiċi ATC veterinarja: QM01AC06.

#### **5.1 Kwalitajiet farmakodinamiċi**

Meloxicam hu Mediċina Mhux Sterojdi Kontra l-Infjammazzjoni (NSAID) tal-klassi oxicam li tagħixxi bl-inibizzjoni tas-sintesi ta' prostaglandin, u b'hekk teżerċita effetti anti-infjammatorji, analġesiċi, kontra t-tnixxija u antipiretiċi. Meloxicam inaqqas l-infiltrazzjoni tal-lewkoċiti fit-tessut infjammata. Sa ċertu punt, Meloxicam jinibixxi l-aggregazzjoni tat-tromboċiti kkaġunata mill-kollaġen. Meloxicam għandu wkoll proprjetajiet anti-endotossiċi għax intwera li jinibixxi l-produzzjoni ta' thromboxane B<sub>2</sub> ikkaġunata mill-għoti ġol-vini ta' *E. coli* endotoxin fl-għoġġiela u majjali.

#### **5.2 Tagħrif farmakokinetiku**

##### Assorbiment

Meta l-prodott jintuża skont il-kors tad-dożaġġ rakkomandat, il-bijodisponibbiltà orali tkun madwar 98 %. Il-konċentrazzjonijiet massimi fil-plażma jinkisbu wara madwar 2-3 sigħat. Il-fattur ta' akkumulazzjoni ta' 1.08 jissuġġerixxi li meloxicam ma jakkumulax meta jingħata kuljum.

##### Distribuzzjoni

Madwar 98 % ta' meloxicam jeħel mal-proteini tal-plażma. Il-volum tad-distribuzzjoni huwa ta' 0.12 l/kg.

##### Metaboliżmu

Fuq livell kwalitattiv il-metaboliżmu huwa simili fil-firien, il-majjali ta' razza żgħir, il-bnedmin, il-baqar u l-majjali għalkemm fuq livell kwantitattiv hemm differenzi. Il-metaboliti ewlenin li nsabu fl-ispeċi kollha kienu l-metaboliti 5-hydroxy u 5-carboxy u l-metabolit oxalyl. Il-metaboliżmu fiż-żwiemel ma ġiex investigat. Intwera li l-metaboliti prinċipali kollha huma farmakoloġikament inattivi.

##### Eliminazzjoni

Meloxicam jiġi eliminat b'*half-life* terminali ta' 7.7 sigħat.

### **6. TAGĦRIF FARMAĊEWTIKU**

#### **6.1 Lista ta' ingredjenti**

Sodium benzoate  
Sorbitol, likwidu  
Glycerol  
Saccharin sodium  
Xylitol  
Sodium dihydrogen phosphate dihydrate  
Silica, colloidal anhydrous  
Xanthan gum

Citric acid  
Aroma tal-ġhasel  
Ilma ppurifikat

## **6.2 Inkompatibilitajiet maġġuri**

Fin-nuqqas ta' studji dwar kompatibilità, dan il-prodott mediċinali veterinarju ma jistax jintuża flimkien ma' prodotti mediċinali veterinarji oħra.

## **6.3 Żmien kemm idum tajjeb il-prodott mediċinali**

Żmien kemm idum tajjeb l-prodott mediċinali veterinarju kif ippakkjat għall-bejgħ: 3 snin.  
Żmien kemm idum tajjeb wara li jkun infetħ l-ippakkjar li jmiss mal-prodott: 6 xhur.

## **6.4 Tagħrif speċjali dwar kif għandu jinħażen**

Dan il-prodott mediċinali veterinarju m'għandu bżonn tal-ebda kundizzjoni speċjali sabiex jinħażen.

## **6.5 In-natura u l-ġhamla tal-ippakkjar li jmiss mal-prodott**

Flixxun tal-polyethylene ta' densità għolja b'għatu bil-kamin li diffiċli jinfetħ mit-tfal u reżistenti għat-tbagħbis tal-HDPE u siringa tal-kejl tal-polypropylene ta' 24 ml bi skala tal-volum u skala tal-"piż tal-ġisem f'kg" li tikkorrispondi għad-doża ta' manteniment (jiġifieri 0.6 mg meloxicam / kg ta' piż tal-ġisem).

Daqsijiet tal-pakkett:

Kaxxa tal-kartun bi flixxun wieħed ta' 125 ml u b'siringa tal-kejl

Kaxxa tal-kartun bi flixxun wieħed ta' 336 ml u b'siringa tal-kejl

Mhux id-daqsijiet kollha tal-pakkett jistgħu qegħdin fis-suq.

## **6.6 Prekawzjonijiet speċjali għar-rimi tal-prodotti mediċinali veterinarji mhux użati jew materjal ieħor għar-rimi li huwa derivat minn dawn il-prodotti**

Kwalunkwe prodott mediċinali veterinarju li ma ġiex użat jew materjal għar-rimi li huwa derivat minn dan il-prodott mediċinali veterinarju għandhom jintremew skont kif jitolbu r-regolamenti tal-pajjiż.

## **7. DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

Emdoka  
J. Lijsenstraat 16  
B-2321 Hoogstraten  
Il-Belġju

## **8. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI(JIET) GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

EU/2/11/128/009 (125 ml)

EU/2/11/128/010 (336 ml)

## **9. DATA TAL-EWWEL AWTORIZZAZZJONI/TIĠDID TAL-AWTORIZZAZZJONI**

Data tal-ewwel awtorizzazzjoni: 18.08.2011

Data tal-aħħar tiġdid: 21.06.2016

## **10. DATA TA' REVIŻJONI TAT-TEST**

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott mediċinali veterinarju tinstab fuq il-websajt tal-Aġenzija Ewropea dwar il-Mediċini <http://www.ema.europa.eu/>.

## **PROJBIZZJONI TA' BEJGĦ, PROVVISTA, U/JEW UŻU**

Mhux applikabbli.

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Emdocam 5 mg/ml soluzzjoni għall-injezzjoni għal baqar u majjali

## 2. KOMPOŻIZZJONI KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA

Kull millilitru fih:

**Sustanza attiva:**

Meloxicam 5 mg

**Ingredjenti oħra:**

Ethanol 150 mg

Għal-lista sħiħa tal-ingredjenti (mhux attivi), ara s-sezzjoni 6.1.

## 3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Soluzzjoni għall-injezzjoni.

Soluzzjoni safra ċara.

## 4. TAGĦRIF KLINIKU

### 4.1 Speċi li fuqhom ser jintuża l-prodott

Baqar (għoġġiela u baqar żgħar) u majjali

### 4.2 Indikazzjonijiet għall-użu tal-prodott li jispeċifikaw l-ispeċi li fuqhom se jintuża l-prodott

**Baqar:**

Għall-użu fi żmien ta' infezzjoni akuta fis-sistema tan-nifs, flimkien ma' terapija antibijotika adattata biex ittaffi s-sintomi kliniċi tal-marda fil-baqar.

Għall-użu fit-trattament ta' dijarea flimkien ma' terapija orali ta' idratazzjoni mill-ġdid, biex jitnaqqsu s-sintomi kliniċi f'għoġġiela li għandhom aktar minn ġimġha jew baqar ta' età żgħira li mhumiex qed iredgħu.

Għas-solliev tal-uġiġħ ta' wara l-operazzjoni wara t-tneħħija tal-qrun fl-għoġġiela.

**Majjali:**

Għall-użu waqt mard mhux infettiv tal-mixi biex jitnaqqsu s-sintomi ta' meta l-animall ikun qed izappap u dawk tal-infjammazzjoni. Sabiex jittaffa l-uġiġħ wara operazzjoni marbut ma' kirurġija tat-tessut artab bħal kastrazzjoni.

### 4.3 Kontraindikazzjonijiet

Tużax f'każijiet ta' sensittività għall-ingredjent attiv jew ingredjenti mhux attivi.

**Baqar:**

Tużax f'baqar li għandhom indeboliment fil-funzjoni tal-fwied, tal-qalb jew tal-kliewi, u mard emorraġiku, jew fejn ikun hemm evidenza ta' leżjonijiet gastrointestinali ulċeroġeniċi.

Għat-trattament tad-dijarea fil-baqar, tużax f'animali li għandhom inqas minn ġimġha.

**Majjali:**

Tużax f'majjali li għandhom indeboliment fil-funzjoni tal-fwied, tal-qalb jew tal-kliewi u mard emorraġiku, jew fejn ikun hemm evidenza ta' leżjonijiet gastrointestinali ulċeroġeniċi.

Tużax f'majjali b'età ta' inqas minn jumejn.

#### 4.4 Twissijiet speċjali għal kull speċi li għaliha hu indikat il-prodott

##### **Baqar:**

Trattamento ta' għoġġiela b'Emdocam 20 minuta qabel it-tneħħija tal-qrun tnaqqas l-uġiġħ ta' wara l-operazzjoni.

Emdocam waħdu mhux se jipprovdli solliev adegwat tal-uġiġħ waqt il-proċedura tat-tneħħija tal-qrun.

Biex tikseb solliev tal-uġiġħ waqt l-operazzjoni, medikazzjoni fl-istess ħin b'anestetiku/sedattiv/analġesiku adattat hi meħtieġa.

Biex tikseb l-aħjar effett possibbli ta' solliev tal-uġiġħ wara l-operazzjoni, Emdocam għandu jingħata 30 minuta qabel l-intervent kirurġiku.

##### **Majjali:**

It-trattamento ta' qżieqeż żgħar b'Emdocam qabel il-kastrazzjoni jnaqqas l-uġiġħ ta' wara l-operazzjoni.

Biex tikseb solliev tal-uġiġħ waqt l-operazzjoni, medikazzjoni fl-istess ħin b'anestetiku/sedattiv/analġesiku adattat hi meħtieġa.

Biex tikseb l-aħjar effett possibbli ta' solliev tal-uġiġħ wara l-operazzjoni, Emdocam għandu jingħata 30 minuta qabel l-intervent kirurġiku.

#### 4.5 Prekawzjonijiet speċjali għall-użu

##### Prekawzjonijiet speċjali għall-użu fl-annimali

Jekk ikun hemm reazzjonijiet mhux mixtieqa, it-trattamento għandu jitwaqqaf u għandu jittieħed il-parir ta' veterinarju.

Evita l-użu f'annimali li huma deidratati, ipovolemiċi jew ipotensivi severament, li jkunu jeħtieġu idratazzjoni mill-ġdid permezz ta' injezzjoni, għax jista' jkun hemm riskju potenzjali ta' tossiċità tal-kliwi.

Waqt l-anesteżija, il-monitoraġġ u t-terapija bil-fluwidi għandhom jiġu kkunsidrati bħala prattika standard.

##### Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu mill-persuna li tamministra l-prodott mediċinali veterinarju lill-annimali

Meloxicam jista' jikkawża reazzjonijiet allerġiċi. Nies li huma sensitivi għal Mediċini Mhux Sterojdi Kontra l-Infjammazzjoni (NSAIDs) għandhom jevitaw li jmissu mal-prodott mediċinali veterinarju.

Injezzjoni aċċidentali tiegħek innifsek tista' tikkawża wġiġh. F'każ li tinjetta b'mod aċċidentali lilek innifsek, fittex parir mediku mal-ewwel u qis li turi l-fuljett ta' informazzjoni jew it-tikketta lit-tabib.

Dan il-prodott jista' jikkawża irritazzjoni fl-għajnejn. F'każ ta' kuntatt mal-għajnejn, laħlaħhom sew bl-ilma minnufih.

#### 4.6 Effetti mhux mixtieqa (frekwenza u gravità)

L-għoti taħt il-ġilda, ġol-muskoli u ġol-vini huwa ttollerat tajjeb; kienet osservata biss nefħa ħafifa li tgħaddi malajr fis-sit tal-injezzjoni wara l-għoti taħt il-ġilda, f'inqas minn 10% tal-baqar li kienu ttrattati fi studji kliniċi.

Jistgħu jseħħu reazzjonijiet anafilattiċi f'każijiet rari ħafna u dawn għandhom jiġu kkurati b'mod sintomatiku.

Il-frekwenza ta' effetti mhux mixtieqa hija definita skont din il-konvenzjoni:

- komuni ħafna (aktar minn wieħed f'10 annimali li juru effett(i) mhux mixtieq(a) matul il-perjodu ta' kura waħda)
- komuni (aktar minn wieħed iżda inqas minn 10 annimali f'100 animal)
- mhux komuni (aktar minn wieħed iżda inqas minn 10 annimali f'1,000 animal)
- rari (aktar minn wieħed iżda inqas minn 10 annimali f'10,000 animal)
- rari ħafna (inqas minn animal wieħed f'10,000 animal, inklużi rapporti iżolati).

#### **4.7 Użu fit-tqala, fit-treddigħ u fi żmien il-bidien**

**Baqar:** Jista' jintuża waqt it-tqala.

**Majjali:** Jista' jintuża waqt it-tqala u t-treddigħ.

#### **4.8 Interazzjoni ma' prodotti mediċinali oħra jew forom oħra ta' interazzjoni**

M'għandux jingħata flimkien ma' glukokortikosteroidi, sustanzi oħrajn mhux steroidi u anti-inflamatorji jew ma' aġenti antikoagulanti.

#### **4.9 Ammont li jingħata u l-metodu ta' amministrazzjoni**

Għandha tingħata attenzjoni partikolari fir-rigward tal-preċiżjoni tad-dożaġġ inkluż l-użu ta' apparat ta' dożaġġ xieraq u stima bir-reqqa tal-piż tal-ġisem.

Evita li tintroduċi xi kontaminazzjoni waqt l-użu.

**Baqar:**

Injezzjoni waħda taħt il-ġilda jew ġol-vina, b'dożaġġ ta' 0.5 mg ta' meloxicam / kg ta' piż tal-ġisem (jiġifieri 10 ml/100 kg ta' piż tal-ġisem) flimkien ma' terapija antibijotika, jew ma' terapija orali ta' idratazzjoni mill-ġdid, skont kif ikun xieraq.

**Majjali:**

Disturbi tal-mixi:

Injezzjoni waħda fil-muskolu b'dożaġġ ta' 0.4 mg ta' meloxicam / kg ta' piż tal-ġisem (jiġifieri 2 ml/25 kg ta' piż tal-ġisem). Jekk ikun meħtieġ, it-tieni doża ta' meloxicam tista' tingħata wara 24 siegħa.

Tnaqqis tal-uġiġħ ta' wara l-operazzjoni:

Injezzjoni waħda ġol-muskoli b'dożaġġ ta' 0.4 mg ta' meloxicam / kg ta' piż tal-ġisem (jiġifieri 0.4 ml/5 kg ta' piż tal-ġisem) qabel l-operazzjoni.

Peress li l-kunjett m'għandux jittaqqab aktar minn 50 darba, l-utent għandu jagħżel id-daqs tal-kunjett l-aktar xieraq skont l-ispeċi fil-mira tat-trattament.

#### **4.10 Doża eċċessiva (sintomi, proċeduri ta' emerġenza, antidoti), jekk ikun hemm bżonn**

F'każ ta' doża eċċessiva, għandu jinbeda trattament sintomatiku.

#### **4.11 Perjodi ta' tiżmim**

**Baqar** (għoġġiela u baqar żgħar): Laħam u ġewwieni tal-annimali: 15-il jum

**Majjali:** Laħam u ġewwieni tal-annimali: 5 ijiem

### **5. KWALITAJIET FARMAKOLOĠIĊI**

Grupp farmako-terapewtiku: Prodotti anti-inflamatorji u antirewmatiċi, mhux steroidi (oxicams)  
Kodiċi ATC veterinarja: QM01AC06

#### **5.1 Kwalitajiet farmakodinamiċi**

Meloxicam hu Mediċina Mhux Steroidi Kontra l-Inflamazzjoni (NSAID) tal-klassi oxicam li taġixxi bl-inibizzjoni tas-sintesi ta' prostaglandin, u b'hekk teżerċita proprjetajiet anti-inflamatorji, kontra t-tnixxija, analġesici u antipiretiċi. Meloxicam inaqas l-infiltrazzjoni tal-lewkoċiti fit-tessut infjamm.

Sa ċertu punt, Meloxicam jinibixxi l-aggregazzjoni tat-tromboċiti kkaġunata mill-kollaġen. Studji *in vitro* u *in vivo* wrew li meloxicam jinibixxi cyclooxygenase-2 (COX-2) aktar milli jinibixxi cyclooxygenase-1 (COX-1). Meloxicam għandu wkoll proprjetajiet anti-endotossiċi għax intwera li jinibixxi l-produzzjoni ta' thromboxane B<sub>2</sub> ikkaġunata mill-għoti ta' *E. coli* endotoxin fl-għoġġiela u majjali.

## 5.2 Tagħrif farmakokinetiku

### Assorbiment

Wara l-għoti ta' doża waħda taħt il-ġilda ta' 0.5 mg ta' meloxicam/kg, intlaħqu valuri C<sub>max</sub> ta' 2.1 µg/ml wara 7.7 sigħat f'baqar żgħar.

Wara doża fil-muskoli waħda ta' 0.4 mg ta' meloxicam/kg, intlaħaq valur C<sub>max</sub> ta' 1.1 sa 1.5 µg/ml fi żmien siegħa fil-majjali.

### Distribuzzjoni

Iktar minn 98 % ta' meloxicam jeħel mal-proteini tal-plażma fil-baqar u l-majjali.

Fil-baqar u l-majjali, l-ogħla konċentrazzjonijiet ta' Meloxicam jinsabu fil-fwied u fil-kliewi. Konċentrazzjonijiet iktar baxxi, meta mqabbla ma' dawg fil-fwied u fil-kliewi, jinsabu fil-muskoli skeletriċi u fix-xaħam.

### Metaboliżmu

Il-biċċa l-kbira ta' meloxicam jinsab fil-plażma. Fil-baqar, meloxicam jitneħħa l-iktar fil-ħalib u fil-bili, filwaqt li l-awrina fiha biss traċċi tal-kompost prinċipali. Fil-majjali, il-bili u l-awrina fihom biss traċċi tal-kompost prinċipali. Meloxicam huwa metabolizzat għal alkoħol, derivattiv tal-aċidu u għal diversi metaboliti polari. Intwera li l-metaboliti prinċipali kollha huma farmakoloġikament inattivi.

Ir-rotta prinċipali tal-bijotrasformazzjoni ta' meloxicam hija bl-ossidazzjoni.

### Eliminazzjoni

Meloxicam jiġi eliminat b'*half-life* ta' 26 siegħa wara li jingħata b'injezzjoni taħt il-ġilda f'baqar żgħar. Fil-majjali, wara li jingħata b'injezzjoni ġol-muskoli, il-medja tal-*half-life* tal-eliminazzjoni tal-plażma hi ta' madwar 2.5 sigħat. Madwar 50% tad-doża li tingħata titneħħa fl-awrina, u l-bqija fl-ippurgar.

## 6. TAGĦRIF FARMAĊEWTIKU

### 6.2 Lista ta' ingredjenti

Ethanol  
Poloxamer 188  
Sodium chloride  
GlycineHydrochloric acid  
Sodium hydroxide  
Glycofurol  
Meglumine  
Ilma għall-injezzjonijiet

### 6.2 Inkompatibilitajiet maġġuri

Fin-nuqqas ta' studji dwar kompatibilità, dan il-prodott mediċinali veterinarju ma jistax jintuża flimkien ma' prodotti mediċinali veterinarji oħra.

### 6.3 Żmien kemm idum tajjeb il-prodott mediċinali

Żmien kemm idum tajjeb l-prodott mediċinali veterinarju kif ippakkjat għall-bejgħ: 3 snin.  
Żmien kemm idum tajjeb wara li jkun infetaħ l-ippakkjar li jmiss mal-prodott: 28 jum

#### **6.4 Tagħrif speċjali dwar kif għandu jinħażen**

Dan il-prodott mediċinali veterinarju m'għandu bżonn tal-ebda kundizzjoni speċjali sabiex jinħażen.

#### **6.5 In-natura u l-għamla tal-ippakkjar li jmiss mal-prodott**

Kunjetti tal-ħġieġ ta' Tip I bla kulur magħluqa b'tapp tal-lastku tal-bromobutyl u ssiġillati b'għatu tal-aluminju.

Daqsijiet tal-pakkett:

Kaxxa tal-kartun li fiha kunjett wieħed ta' 50 ml

Kaxxa tal-kartun li fiha kunjett wieħed ta' 100 ml

Kaxxa tal-kartun li fiha kunjett wieħed ta' 250 ml

Mhux id-daqsijiet kollha tal-pakkett jistgħu qegħdin fis-suq.

#### **6.6 Prekawzjonijiet speċjali għar-rimi tal-prodotti mediċinali veterinarji mhux użati jew materjal ieħor għar-rimi li huwa derivat minn dawn il-prodotti**

Kwalunkwe prodott mediċinali veterinarju li ma ġiex użat jew materjal għar-rimi li huwa derivat minn dan il-prodott mediċinali veterinarju għandhom jintremew skont kif jitolbu r-regolamenti tal-pajjiż.

### **7. DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

Emdoka  
John Lijssenstraat 16  
2321 Hoogstraten  
Il-Belġju

### **8. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI(JIET) GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

EU/2/11/128/004-006

### **9. DATA TAL-EWWEL AWTORIZZAZZJONI/TIĠDID TAL-AWTORIZZAZZJONI**

Data tal-ewwel awtorizzazzjoni: 18.08.2011

Data tal-aħħar tiġdid: 21.06.2016

### **10. DATA TA' REVIŻJONI TAT-TEST**

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott mediċinali veterinarju tinstab fuq il-websajt tal-Aġenzija Ewropea dwar il-Mediċini (<http://www.ema.europa.eu/>).

### **PROJBIZZJONI TA' BEJGĦ, PROVVISTA, U/JEW UŻU**

Mhux applikabbli.

## **1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU**

Emdocam 5 mg/ml soluzzjoni għall-injezzjoni għall-klieb u l-qtates

## **2. KOMPOŻIZZJONI KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA**

Kull millilitru fih:

**Sustanza attiva:**

Meloxicam 5 mg

**Ingredjenti oħra:**

Ethanol 150 mg

Għal-lista sħiħa tal-ingredjenti (mhux attivi), ara s-sezzjoni 6.1.

## **3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA**

Soluzzjoni għall-injezzjoni.

Soluzzjoni safra ċara.

## **4. TAGĦRIF KLINIKU**

### **4.1 Speċi li fuqhom ser jintuża l-prodott**

Klieb, qtates

### **4.2 Indikazzjonijiet għall-użu tal-prodott li jispeċifikaw l-ispeċi li fuqhom se jintuża l-prodott**

**Klieb:**

Sabiex jittaffew l-infjammazzjoni u l-uġiġħ f'mard muskolu-skelettriku li jkun kemm akut kif ukoll kroniku. Tnaqqis tal-uġiġħ u l-infjammazzjoni ta' wara l-operazzjoni wara kirurġija ortopedika u tat-tessut artab.

**Qtates:**

Tnaqqis tal-uġiġħ ta' wara l-operazzjoni wara ovarjoisterekтомija u kirurġija minuri tat-tessut artab.

### **4.3 Kontraindikazzjonijiet**

Tużax f'każijiet ta' sensitività għall-ingredjent attiv jew ingredjenti mhux attivi.

Tużax fuq klieb u qtates tqal jew li qegħdin iredgħu.

Tużax fuq klieb u qtates li jbatu minn disturbi gastrointestinali bħal irritazzjoni u emorraġija, indeboliment fil-funzjoni tal-fwied, tal-qalb jew tal-kliwi, u mard emorraġiku.

Tużax fuq klieb u qtates li għandhom inqas minn 6 ġimgħat jew fi qtates li jiżnu inqas minn 2 kg.

### **4.4 Twissijiet speċjali għal kull speċi li għaliha hu indikat il-prodott**

Xejn.

## 4.5 Prekawzjonijiet speċjali għall-użu

### Prekawzjonijiet speċjali għall-użu fl-annimali

Jekk ikun hemm reazzjonijiet mhux mixtieqa, it-trattament għandu jitwaqqaf u għandu jittieħed il-parir ta' veterinarju.

Evita l-użu f'annimali li huma deidratati, ipovolemiċi jew ipotensivi severament, li jkunu jeħtieġu idratazzjoni mill-ġdid permezz ta' injezzjoni, għax jista' jkun hemm riskju potenzjali ta' tossiċità tal-kliwi.

Waq t l-anesteżija, il-monitoraġġ u t-terapija bil-fluwidi għandhom jiġu kkunsidrati bħala prattika standard.

### Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu mill-persuna li tamministra l-prodott mediċinali veterinarju lill-annimali

Meloxicam jista' jikkawża reazzjonijiet allerġiċi. Nies li huma sensittivi għal Mediċini Mhux Sterojdi Kontra l-Infjammazzjoni (NSAIDs) għandhom jevitaw li jmissu mal-prodott mediċinali veterinarju. Injezzjoni aċċidentali tiegħek innifsek tista' tikkawża wġiġ. F'każ li tinjetta b'mod aċċidentali lilek innifsek, fittex parir mediku mal-ewwel u qis li turi l-fuljett ta' informazzjoni jew it-tikketta lit-tabib. Dan il-prodott jista' jikkawża irritazzjoni fl-għajnejn. F'każ ta' kuntatt mal-għajnejn, laħlaħhom sew bl-ilma minnufih.

## 4.6 Effetti mhux mixtieqa (frekwenza u gravità)

Reazzjonijiet avversi tipiċi ta' NSAIDs, bħal telf ta' aptit, rimettar, dijarea, demm mistur fl-ippurgar, letarġija u insuffiċjenza tal-kliwi rari ġew irrappurtati.

Ġiet irrappurtata żieda fl-enzimi tal-fwied f'każijiet rari ħafna.

Ġew irrappurtati dijarea emorraġika, ematemesi u ulċerazzjoni gastrointestinali f'każijiet rari ħafna.

Dawn ir-reazzjonijiet avversi ġeneralment iseħħu fl-ewwel ġimgħa tat-trattament u fil-biċċa l-kbira tal-każijiet huma temporanji u jisparixxu wara li jitwaqqaf it-trattament, iżda f'każijiet rari ħafna jistgħu jkunu serji jew fatali.

Jistgħu jseħħu reazzjonijiet anafilattojdi f'każijiet rari u dawn għandhom jiġu kkurati b'mod sintomatiku.

Jekk ikun hemm reazzjonijiet mhux mixtieqa, it-trattament għandu jitwaqqaf u għandu jittieħed il-parir ta' veterinarju.

Il-frekwenza ta' effetti mhux mixtieqa hija definita skont din il-konvenzjoni:

- komuni ħafna (aktar minn wieħed f'10 annimali li juru effett(i) mhux mixtieq(a) matul il-perjodu ta' kura waħda)
- komuni (aktar minn wieħed iżda inqas minn 10 annimali f'100 annimal)
- mhux komuni (aktar minn wieħed iżda inqas minn 10 annimali f'1,000 annimal)
- rari (aktar minn wieħed iżda inqas minn 10 annimali f'10,000 annimal)
- rari ħafna (inqas minn annimal wieħed f'10,000 annimal, inklużi rapporti iżolati).

## 4.7 Użu fit-tqala, fit-treddigħ u fi żmien il-bidien

Is-sigurtà tal-prodott mediċinali veterinarju ma ġietx stabbilita waqt it-tqala u fit-treddigħ (ara s-sezzjoni 4.3).

## 4.8 Interazzjoni ma' prodotti mediċinali oħra jew forom oħra ta' interazzjoni

NSAIDs oħra, diuretici, antikoagulanti, antibijotiċi tal-aminoglycoside u sustanzi bi rbit qawwi jistgħu jikkompetu għall-irbit u b'hekk iwasslu għal effetti tossiċi. Emdocam ma jistax jingħata flimkien ma' NSAIDs oħra jew ma' glukokortikosteroidi. L-għoti fl-istess ħin ta' prodotti mediċinali

veterinarji potenzjalment nefrotossiċi għandu jiġi evitat. F'annimali f'riskju anestetiku (eż. annimali kbar fl-eż) għandha tiġi kkunsidrata terapija bil-fluwidi għol-vini jew taħt il-ġilda waqt l-anestesija. Meta l-anestesija u l-NSAID jingħataw fl-istess ħin, ma jistax jiġi eskluż riskju għall-funzjoni tal-kliwi.

